# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR (GHAWDEX)

## GUDIKATUR : Dr. Grazio Mercieca LL.D.

## Seduta ta’ nhar il-Gimgha 30 ta’ Novembru, 2001

## Avviz numru : 39/2001GT(GM)

**SMS Insurance Agency Limited**

**vs**

**Joseph Cassar u Av. Victor Bajada**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz tat-talba:**

**“Il-konvenuti hadu minghand is-socjeta’ attrici polza ta’ assikurazzjoni kontra riskji u dan skond l-invoice numru 08516 li kopja taghha tinsab hawn annessa.**

**Illi ghada dovuta lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlieta u ghoxrin lira Maltija u erbgha u sebghin centezmu (Lm23.74) rapprezentanti hlas ghal istess polza.**

**Illi minkejja diversi talbiet il-konvenuti taht pretest jew iehor naqsu li jhallsu.**

**Ghalhekk qed isiri dawn il-proceduri ghall-hlas ta’ din is-somma flimkien ma l-imghaxijiet mid-9 ta’ Settembru 1997 sad-data tal-hlas relattiv.”**

**Ra r-risposta tal-konvenuti:**

**“Illi preliminarjament, il-konvenuti personalment ma ghandhom ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici peress illi huma personalment qatt ma taw struzzjonijiet jew b’xi mod talbu li tinhareg xi polza ta’ assikurazzjoni f’isimhom personalment; u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.**
**Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta’ attrici ma kellha ebda dritt illi unilateralment u minghajr struzzjonijiet bil-miktub minghand il-konvenut iggedded u tirrinova poloz ta’ assikurazzjoni fl-interess tal-konvenut. Ghall-kuntrarju il-prattika hija u kienet minn dejjem illi l-poloz ta’ assikurazzjoni jigu rinnovati biss wara li l-assikurat ikun hallas il-**

**premiums relattivi. In effetti il-konvenuti qatt ma taw struzzjonijiet lill-attrici sabiex iggedded dawn il-poloz ta' assikurazzjoni u lanqas qatt in effetti geddedt dawn il-poloz. Per konsegwenza is-socjeta' attrici ma ghandha ebda dritt illi tesigi il-hlas ghal dawn il-*premiums* minghand il-konvenut."**

**Sema' x-xhieda tal-konvenut l-avukat Dottor Victor Bajada**

**Ikkunsidra**

**Illi r-rapprezentanti tas-socjeta' attrici ma dehru ghall-ebda wahda mill-erba' seduti mizmuma u cioe' dawk tas-6 ta' Novembru 2001, tat-22 ta' Novembru 2001, tad-29 ta' Novembru 2001 u dik tallum;**

**Ra l-artikolu 13(a) tal-Att ta' Kap 380;**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jirrigetta l-kawza, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.**

**(ft) Grazio Mercieca**
**Gudikatur**
**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**